MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 159/2009/1

**Raymond Calleja u George Calleja**

**vs**

**Carmel Barbara u Michelle Barbara**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Jannar, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' elfejn erba' mija u tliet ewro u tmienja u sebghin ewro centezmi (€2403.78) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija (DVD's *etc*) mibjugha lill-intimati fuq inkarigu taghhom stess ghal skopijiet kummercjali u li sal-lum ghadhom mhux imhallsa, bl-imghaxijet kummercjali mit-8 ta' Gunju, 2006,

bl-ispejjez kollha, inkluzi tal-mandat ta' qbid intavolat fil-25 ta' Frar, 2009, kollox kontra l-intimati li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn issollevaw illi preliminarjament it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti in kwantu huma preskritti fit-terminu tal-artiklu 2148(b) tal-kodici civili; illi kuntrarjament ghal dak indikat fl-avviz il-bejgh tal-oggetti mar sarx ghal skop kummercjali izda sar fuq bazi ta' bejgh bl-imnut, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza; illi fil-fatt din l-allegazzjoni li l-bejgh sar ghal skop kumemrcjali tressqet biss illum wara li l-atturi saru jafu li t-talba taghhom tinsab preskritta mill-ittri legali li ntbaghtu lilhom annessa mar-risposta u immarkata 'Dokumenti A u B' u qatt ma ressqu pretensjoni li tali bejgh jinstab li sar ghal skop kummercjali, ghaliex fil-verita' ma kienx; illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-atturi ghandu jigi pacut ma hlas fis-somma ta' sebat elef, seba' mija, tnejn u hamsin ewro u sittax-il ewro centezmu (€7752.16), rapprezentanti l-kumpens dovut lill-intimata Michelle Barbara ghal servizzi rezi lill-atturi ghal perjodu ta' erba' snin fil-hanut 'R&G DVD Enterprise' f'Hal Qormi fuq l-inkarigu tal-istess atturi; salv eccezjonijiet ohra permessi fil-ligi. Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Ra d-dokument kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema x-xhieda ta' Raymond Calleja, George Galea, Carmel Barbara , Michelle Barbara u Jason Aquilina

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenuti u li sal-lum baqghu ma thallsux. Illi l-konvenuti eccepixxew

preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artiklu 2148 (b) tal-kodici civili u li l-bejgh lill-konvenut kien sar a bazi ta' bejgh bl-imnut u li ma kienx minnu li l-iskop tal-bejgh kien wiehed kummercjali. Ili fil-mertu il-konvenuti eccepixxew minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni li l-ammont mitlub kellu jigi pacut ma hlas fis-somma ta' €7,752.16 rapprezentanti l-kumpens dovut lill-konvenuta Michelle Barbara ghal servizzi rezi lill-atturi ghal perjodu ta' erba' snin fil-hanut R&G DVD Enterprise, f'Hal Qormi. Illi t-Tribunal jirrilleva lli kontrotalba f'dan is-sens ma sarx.

Ili skont ix-xhieda tal-konvenut Carmel Barbara dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qal illi kien jahdem bhala *salesman* mal-atturi iqassam id-*DVD*'*s* u fl-istess perjodu huwa kien xtara numru ta' *DVD's* ghall-kollezzjoni personali tieghu. Dawn inxtraw bejn is-sena 2003 u s-sena 2006. Mart il-konvenut ikkonfermat ix-xhieda tar-ragel taghha. It-Tribunal huwa tal-fehma li skont ix-xhieda moghtija mill-konvenuti huma cahdu d-dejn u qalu li l-bejgh ta' dawn id-*dvds* kien sar bejn is-sena 2003 u s-sena 2006 u li l-bejgh dejjem sar ghall-uzu personali taghhom bhala konsumaturi.

Skont ix-xhieda tal-attur Raymond Calleja huwa qal illi huwa qieghed shab mall-attur l-iehor u jbieghu DVD's bl-ingrossa u ghandhom ukoll hanut fejn ibejghu bl-imnut. Mieghu ghandu xi nies li jahdmu bhala *salesmen part-time* u jiehdu hsieb iqassmu x-xoghol ta' *DVD's* lill-hwienet. Is-*salesmen* jithallsu *commission* ghax-xoghol li jaghmlu. Ili rigward il-konvenut Carmel Barbara inghad illi dan kellu zewg listi, wahda ghat-tqassim u l-ohra ghall-uzu personali tieghu. Il-*commssion* kien ta' tletin centezmu ta' dak iz-zmien ghal kull *DVD* mibjugh. Ikkonferma li mart il-konvenut kienet tghinu fix-xoghol tieghu peress ili huwa ma kienx jaf jaqra u jikteb u xghl kien jinkludi l-kitba. Intqal mix-xhud illi dwar il-bejgh li jsir mill-hanut il-

bejgh kien bl-imnut peress illi kien isir direttament lill-klijenti. Ikkonferma ukoll illi Michelle Barbara kienet gieli tahdem il-hanut izda xoghlha kien jikkonsisti fix-xoghol li kellu suppost jaghmel ir-ragel taghha izda li ma kienx jista' jaghmel minhabba il-fatt illi ma kienx jaf jaqra u jikteb. Illi parti minn xoghlu kien illi jnizzel il-bejgh tad-*DVD*'s fuq lista u jitnizzel rendikont tal-bejgh li jkun ghamel. Dan gie kkonfermat minn xhud iehor, Jason Aquilina, *part timer,* li kienu jiehu hsieb iqassam id-*DVD'*s lill-hwienet, ukoll ghall-atturi.

Illi l-tqassim tad-*DVD's* kien isir mis-*salesmen* ingaggati fuq *commision* mill-atturi u t-Tirbunal huwa konvint li l-bejgh ta' dawn id-*DVD's* kien bejgh bl-ingrossa ghaliex kien qieghed isir lill-kummercjanti sabiex huma jinnegozjaw fihom. Illi dwar il-bejgh tad-*DVD's* lill-konvenuti, t-Tribunal huwa konvint illi minhabba r-relazzjoni li, huma kellhom mall-atturi, huma kienu jixtruhom minghand l-atturi bi prezz specjali. Izda il-prezz wahdu ma jfissirx illi l-bejgh kien qieghed isir lill-grossista. Illi skont sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras, deciza nhar is-7 ta' Dicembru, 2005 fil-kawza fl-ismijiet "Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited", il-Qorti rriteniet illi ghal finijiet ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar taht l-artiklu 2148(b) tal-kodici civili jinsab ritenut illi fil-kaz ta' bejgh bl-'imnut'huma kontemplati dawk kolha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum gornaljier, tant lil min hu kummercjant, kemm lil min mhux. Dan ifisser illi li fl-artiklu 2148(b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita' tal-persuni u anzi thares lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita' partikolari in kwistjoni u *per se.* L-istess gurisprudenza tistabilixxi mbaghad kriterju fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamamt huwa ghall-merca destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f'opra jew fejn wiehed ibiegh lil

persuni li jinnegozjaw fil-merca mibjugha u dan fi kwantita' apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa. Ghalhekk il-grossista jbiegh l-iktar lil dawk li jinnegozjaw fl-oggett mixtri mentri l-imnutant ibiegh lil xerrejja fi kwantitajiet zghar skont il-bzonnijiet taghhom. Fl-ewwel kaz hawn fuq imsemmi, il-kreditu huwa soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita fl-artiklu 2156(f) tal-kodici civili fil-waqt fit-tieni kaz ghall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provdut fl-artiklu 2148(b) fejn huwa n-negozju globali li jiddetermina taht liema kategorija ghandu jigi kklassifikat il-bejgh. Ili fil-kaz in ezami, l-konvenuti kienu jixtru ghall-uzu personali taghhom u kienu jixtru ta' spiss ghaliex kienu dilettanti tal-*films*. Illi huma qatt ma xtraw ghal skopijiet kummercjali izda xtraw bhala konsumaturi. Illi ghalkem kienu jixtru *films* ta' spiss l-ammont ghall-kull bejgh *per se* kien ikun ammont zghir li qatt ma jista' jikkwalifika ghall-ammont bl-ingrossa.

Illi f'sentenza moghtija fis-17 ta' Novembru, 2004 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Aquilina noe et vs Charles Camilleri" il-Qorti qalet illi l-artiklu 2148(b) tipprexxindi mill-kwalita' tal-persuni u thares lejn il-vendita' partikolari in kwistjoni *per se*. Dan gie ritenut ukoll fis-sentenza "Michael Fenech noe vs Piu Camilleri" deciza mill- Qorti ta' l-Appell Civili, fit-18 ta' Jannar 1993 fejn intqal illi l-Qorti ghandha tezamina l-vendita *per se*. Illi jinsab ukoll stabbilit fid-dottrina nostrana li dak li jiddistingwi l-bejgh bl-ingrossa mill-bejgh bl-imnut huwa l-fatt illi fil-waqt illi l-grossista principalment kien ibiegh lill-persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha, l-imnutant principalment ibiegh lill-konsumatur fi kwantitaijiet zghar skont il-htigijiet tieghu. Ili fil-kawza fl-ismijiet "Michael Fenech noe vs Piu Camilleri" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 1993 gie ritenut ukoll illi huwa possibbli skont il-ligi taghna li bejgh bl-imnut isir mill-grossista wkoll bhala ma hu possibli li d-dettaljatur f'certi cirkostanzi jbiegh bl-ingrossa. Illi dan huwa

kaz li japplika lil-atturi li kienu jbieghu bhala grossisti lill-kummercjanti u kienu jbieghu wkoll mill-hanut bhala dettaljaturi direttament lill-konsumaturi.

Wara li sema u evalwa l-provi jirrizulta lit-Tribunal li l-bejgh tad-*DVD's* lill-konvenuti kien bejgh bl-imnut. Izda meta l-konvenuti kienu jbieghu fil-kapacita' taghhom ta' *salespersons* lill-kummercjanti ghan-nom tal-atturi dak kien bejgh bl-ingrossa. Illi skont fatturi pprezentati, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenuti xtraw *DVD's* fi kwantita' zghira ghall-uzu personali taghhom u ma rrizultawx mill-provi li l-konvenuti kienu xtraw *DVD's* minghand l-atturi ghal skopijiet ta' kummerc. Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal huwa konvint illi l-bejgh tad-*DVD's* lill-konvenuti kien bejgh bl-imnut u ghaldaqstant din l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-artiku 2148(b) tal-Kodici Civili.

Illi t-Tribunal dwar ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti fejn giet sollevata l-eccezjoni dwar it-tpacija minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, it-Tribunal jirrilleva li fil-kaz in ezami kellu jigi ippruvat illi z-zewg partijiet huma debituri lejn xulxin sabiex issir t-tpacija *ipso iure*. Illi rrizulta li l-konvenut Carmel Barbara li gie ingaggat bhala *salesperson* ma kienx jaf jaqra u jikteb u kien ghalhekk illi mart il-konvenut kienet offriet li taghmel ix-xoghol tal-kitba li ma kienx kapaci jaghmel ir-ragel taghha u dan gie msemmi ukoll minn xhieda ta' *salesman* iehor li kien jahdem maghhom. Illi mill-provi ma rrizultax illi l-konvenuta kienet taghmel xoghol iehor apparti dak tar-ragel taghha, hlief li kienet xi kull tant taghti daqqa' t'id fil-hanut meta kienu jkunu hemm it-tnejn. Illi in konkluzjoni, ma jiirrizultax lit-Tribunal illi t-tpacija li semmew il-konvenuti tista' tintlaqa' ghaliex id-debitu ma giex ippruvat. Illi t-Tirbunal jikkonstata lli ma gietx prezentata ebda kontrotalba f'dan is-sens. Illi fi kwalsiasi kaz, it-

> Tribunal jirrilleva illi l-ammont ghat-tpacija imsemmi mill-konvenuta fir-risposta, jeccedi *rationae valoris* il-kompetenza ta' dan it-Tribunal u ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija ha jirrespingi din ir-raba' eccezzjoni u jieqaf hemm.
>
> Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-azzjoni attrici hija preskritta fit-termini ta' l-artiklu 2148 (b) tal-kodici civili u konsegwentement jichad it-talba, fil-waqt illi jichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti dwar it-tpacija.
>
> Spejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**"**

Fl-appell taghhom minn din is-sentenza r-rikorrenti jikkontendu illi l-imgieba ta' l-appellati matul is-smigh tal-kawza kienet tali li ggib rinunzja ghall-preskrizzjoni minnhom opposta. Jissottomettu ghalhekk illi l-appellati ma setghux joffru rezistenza ghall-ammont reklamat billi jirriklamaw it-tapcija. F'kull kaz it-tpacija lanqas kienet possibbli tant ghaliex l-appellati ma ressqu ebda kontro-talba u ghall-kaz ma kienx applikabbli d-dispost ta' l-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili;

Il-preskrizzjoni eccepita mill-appellati quddiem it-Tribunal a norma ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, liema eccezzjoni giet akkolta mill-istess Tribunal, hi wahda mill-preskrizzjonijiet qosra;

Issa f'kaz ta' din ix-xorta nghad mill-Qorti ta' l-Appell, sede civili, tat-30 ta' Ottubru 1953 in re: "**Emmanuele Aquilina -vs- Geraldo Sammut**", illi "jinsab stabbilit fil-gurisprudenza l-principju, fondat fuq l-induzzjoni logika, li skond is-sistema partikolari tal-kategorija ta' preskrizzjonijiet bhal dawn, ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur, b'att tieghu spontaneju ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-

posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkombatti dik l-istess preskrizzjoni";

Hekk biex wiehed jillustra ahjar il-principju, jinghad, ad ezempju, illi r-rigett ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni presuntiva tissussisti ghal kaz fejn id-debitur ikun irrikonoxxa anke b'mod implicitu jew indirett illi l-obbligazzjoni mhix estinta (ara "**Parroco Sac. Francesco Saverio Mifsud -vs- Nicola Decelis**", Appell Civili, 28 ta' Frar, 1921). Tezisti wkoll l-ipotesi fejn id-debitur ikun ippropona eccezzjoni inkompatibbli ghal dik ta' l-estinzjoni presuntiva. Ad ezempju, l-eccezzjoni ta' l-inezistenza tal-kreditu (ara "**Avv Dr. Antonio Caruana -vs- Antoine Spiteri**". Appell Inferjuri, 7 ta' Jannar, 1939) jew ukoll l-eccezzjoni li hi dovuta somma inferjuri ghal dik mitluba ("**Giorgio Demarco *et* -vs- Giovanni Aquilina**", Appell Kummercjali, 10 ta' Gunju, 1946). Ghal aktar dettal fuq din it-tematika ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet "**Windsor Co. Ltd -vs- Fithome Ltd**";

Issa fil-kaz prezenti l-appellati eccepew ukoll it-tpacija (ara r-raba' eccezzjoni). Ukoll din bhal fil-kaz ta' l-ezemplari fuq illustrati hi inkompatibbli mal-preskrizzjoni opposta ghaliex, kif sostenut, "*colui che eccepisce la compensazione non potrebbe farlo senza riconoscere il credito compensabile o compensato*" ("**Maria Concetta Francalanza *et* -vs- Joseph Huber *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Mejju, 1919). Jista' forsi jigi obbjettat illi din l-eccezzjoni giet hekk sollevata "minghajr pregudizzju" ghal dik l-eccezzjoni l-ohra tal-preskrizzjoni. Ghal dan, pero, twiegeb il-konsiderazzjoni traccjata fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim' Awla tad-29 ta' Jannar, 1960 fl-ismijiet "**Felice Fenech -vs- Carmelo Bellia**", fejn irriteniet proprju illi "xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine u bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni; in vista tal-principju *protestatio contra factum non relevat*, u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni, u ghalhekk ma setax isalvaha b'semplici rizerva";

Dan kollu dedott kellu jwassal lit-Tribunal biex jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta u mhux jilqaghha. L-aggravju sottopost huwa guridikament ben fondat u ser jigi akkolt;

Raggunta din il-konkluzjoni, fl-ezami tal-mertu li din il-Qorti jkollha taghmel skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380 u wkoll fil-konsiderazzjoni ta' l-appell incidentali ma jistax ma jigux osservati dawn l-aspetti:-

1. Fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ma laqax l-eccezzjoni tat-tpacija, kemm ghaliex fir-rigward ma tressqet ebda kontro-talba, kemm ghaliex it-Tribunal kien ikollu jinvesti pretensjoni li kienet taqa' 'l barra mill-gurisdizzjoni tieghu. *En passant*, il-Qorti jidhrilha li ma' dawn il-konsiderandi t-Tribunal seta' facilment izid illi, kieku stess, il-kompensazzjoni gudizzjali lanqas setghet issehh tant ghaliex il-kreditu pretiz mill-konvenuta Michelle Barbara bir-raba' eccezzjoni taghha ma kienx cert u esigibbli, tant ghaliex ukoll ma kienx ammess mill-atturi appellanti;

2. Minn ebda eccezzjoni ma jirrizulta illi l-ammont reklamat mill-appellanti jinsab effettivament ikkontestat;

3. Ukoll ghal dawn ir-ragunijiet l-appell incidentali tal-konvenuti ma jimmeritax l-adezjoni ta' din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad l-appell incidentali tal-konvenuti, tilqa' l-appell ta' l-atturi, tirrevoka u thassar is-sentenza tat-Tribunal moghtija fit-22 ta' Jannar, 2010, u filwaqt ukoll li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, takkolji t-talba attrici fis-somma indikata fl-Avviz, bl-imghaxijiet relattivi skond il-Kodici Civili mid-data tan-notifika ta' l-istess Avviz (11 ta' Marzu, 2009). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------